**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**21 ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru 91/2020**

**BirdLife Malta**
VO No.: 052
**Moviment Graffitti**
VO No.: 126
**Din l-Art Helwa**
VO No.: 008
**Friends of the Earth Malta**
VO No.: 091
**Flimkien Ghal Ambjent Ahjar**
**VO 101**
**Dr. Edward Mallia**
(K.I. 776939M)

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fid-29 ta' Ottubru 2020 li permezz tieghu ppremettew is-segwenti:-

"

1. *Illi r-rikorrenti huma kollha għaqdiet, entitajiet u individwi li għandhom l-għan u l-oġġettiv li jissalvagwardjaw l-ambjent u wirt naturali u kulturali, li jħarsu s-saħħa taċ-ċittadini, l-access pubbliku għas-spazji miftuħa u l-ħarsien tal-liġijiet u l-governanza tajba.*

2. *Illi fis-sebgħa (7) ta Ottubru elfejn u għoxrin (2020) gew ippubblikati rapporti fil-gazzetti u l-mezzi tax-xandir fejn gie mħabbar li meddijiet kbar ta' art fl-Aħrax, il-Mellieha u l-Mizieb kienu ser jintgħaddew lil Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) mill-Awtorita tal-Artijiet taħt xi forma ta' qbil jew konċessjoni.*

3. *Illi l-FKNK saħansitra ħarġet stedina lill-Kunsill Lokali tal-Mellieha sabiex il-kunsilliera jattendu għaċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-ftehim mal-Awtorita tal-Artijiet għal ġestjoni tal-artijiet in kwistjoni.*

4. *Illi permezz ta' kummenti li ingħataw lill-media il-Ministru tal-Artijiet Ian Borg ikkonferma li l-artijiet fl-Aħrax tal-Mellieħa u l-Mizieb kienu ser jitgħaddew lil FKNK u dana għax fil-kliemu, "Hemm ittra tal-Prim Ministru Mifsud Bonnici, illi hemm bzonn illi wieħed jifformalizzaha."*

5. *Illi meta ġie mistoqsi għaliex giet magħzula proprjament l-FKNK biex tingħata lilha koncessjoni daqshekk massiċċa, l-Ministru Ian Borg wieġeb li "Fit-Tmeninijiet kienu intgħazlu huma u ghamlu biċċa xoghol sew."*

6. *Illi l-Ministru Ian Borg stqarr ukoll li waqt il-ħin li tkun għaddejja l-kaċċa, dak il-ħin il-familji ma jistgħux jidħlu. Illi huwa naqas milli jispjega li hemm diversi staġuni tal-kaċċa li effettivament jestendu sa disa' (9) xhur tas-sena u li għalhekk dawk il-persuni li m'humiex kaċċaturi ser jiġu mċaħħda mid-dritt li jgawdu l-kampanja liberament, ampjament u mingħajr intimidazzjoni, xkiel jew ħlas.*

7. *Illi fid-disgha (9) t'Ottubru 2020 gie pprezentat protest gudizzjarju mir-rikorrenti kontra l-l-Awtorita konvenuta sabiex ma tidholx f'ebda forma ta qbil, arranġament, għotja jew ftehim mal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) jew kwalunkwe entita oħra mingħajr il-ħarsien tal-provedimenti tal-liġi u prinċipji ta' ġustizzja naturali u d-drittijiet ta' terzi.*

8. *Illi minkejja dan, l-Awtorita konvenuta biddlet id-data tal-iffirmar tal-ftehim mal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) u ressqet il-quddiem l-iffirmar tal-istess ftehim ghad-disgħa (9) ta'Ottubru 2020. Illi dakinhar ġie ffirmat ftehim mill-Awtorita konvenuta u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) bil-magħluq, mingħajr il-presenza tal-media u ġurnalisti u mingħajr ma saret "press call".*

9. *Illi l-ftehim sar bejn l-Awtorita tal-Artijiet u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) u ġie iffirmat miċ-Chairperson tal-Awtorita konvenuta l-Imħallef Emeritus Lino Farrugia Sacco u l-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita konvenuta James Piscopo. Illi sar ukoll Memorandum of Understanding iffirmat mill-Ministeru għal Ambjent, Pjannar u Tibdil fil-Klima, l-Awtorita tar-Rizorsi u tal-Ambjent u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK). Dan tal-aħħar kien jirriferi f'mod vag u nebuluz għal ġestjoni u proġetti tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) fuq is-siti tal-Aħrax u l-Mizieb.*

10. *Illi d-deċizjoni tal-Awtorita konvenuta li tagħti konċessjoni ta' ġestjoni ta' meddijiet ta' art daqshekk massiċċi lil FKNK saret b'mod unilaterali, b'mod mhux trasparenti u fil-moħbi. Illi l- Awtorita konvenuta iddisponiet minn artijiet pubbliċi u tat din il-*

*koncessjoni f'mod arbitrarju ghal aħħar, mingħajr ma esiġiet li r-recipjenti tal-konċessjoni jissodisfaw xi kriterji oġġettivi mfassla fil-liġi.*

11. *Illi id-decizjoni tal-Awtorita konvenuta li tgħaddi s-siti surriferiti lill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) hija ekwivalenti u tikkwalifika bħala trasferiment*[1] *ta' art skond il-Kapitlu 573*[2] *tal-Liġijiet ta' Malta, izda ma saritx skont id-disposizzjonijiet tal-istess liġi u l-proċedura stabbilita minnha. Illi l-ftehim ghat-trasferiment tas-siti surreferiti sar bi ksur tal-Artiklu 31 tal-Kapitlu 573 tal-Ligijiet ta' Malta ghax ma sarx wara sejħa għall-offerti ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-gazzetti lokali, jew wara avviż ta' trasferiment b'irkant, jew skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati jew skont waħda mill-forom kif stipulat fl-istess artiklu. Illi t-trasferiment ma kienx soġġetti għal dritt tal-ewwel rifjut kif trid il-ligi.*

12. *Illi l-Awtorita konvenuta u Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) iffirmaw ftehim ghal gestjoni u mmaniggjar tas-siti tal-Ahrax u l-Mellieha (Agreement on Management and Operation of the Mizieb and Ahrax Areas) izda fil-fatt dan hu ftehim ta trasferiment. Illi hawnhekk l-Awtorita konvenuta simulat ftehim u dan ghax il-kuntratt Att ghandu sinifikat apparenti divers minn dak li realment. F'dan il-kaz il-kuntratt hu wiehed ta trasferiment kif definit fil-Kapitlu 573 – u mhux kuntratt ta gestjoni jew operazzjoni. Ghalhekk il-kuntratt ghandu jigi annullat.*

13. *Illi d-decizjoni tal-Awtorita konvenuta sabiex titrasferrixxi u tafda l-gestjoni tas-siti fl-Ahrax u l-Mizieb skont il-ftehim iffirmat fid-disgha (9) ta' Ottubru kienet msejjsa fuq konsiderazzjonijiet mhux relevanti u saret għal għanijiet mhux xierqa. Inoltre, ma gewx osservati l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u ħtiġiet proċedurali mandatorji kemm fid-decizjoni ta' approvazzjoni sabiex jigi ffirmat il-ftehim, fl-istess ftehim kif ukoll fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar l-istess ftehim.*

14. *Illi d-deċizjoni tal-Awtorita konvenuta rigward t-trasferiment u għotja ta ġestjoni tas-siti sureferiti lil Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) saret f'mod singulari, mingħajr l-iskrutinju, valwazzjoni u konsiderazzjonijiet meħtieġa meta qed jintgħaddew medded estensivi ta' art pubblika lil entita privata li ser tirrestrinġi t-tgawdija libera tal-istess artijiet mill-pubbliku għal zmien twil matul is-sena. Illi l-mod kif sar dan it-trasferiment jikkontrasta bil-kbir mal-mod li bih jiġu pproċessati u deċizi it-talbiet għat-trasferiment ta' art pubblika minn individwi, għaqdiet u individwi ohrajn – inkluz l-għaqdiet u individwi rikorrenti. Għalhekk l-aġir tal-Awtorita jikkostitwixxi*

---

[1] U dan ghalkemm il-kuntratt jghid li dan mhux trasferiment tad-drittijiet ta' proprjeta.

[2] *"trasferiment" tfisser it-trasferiment jew l-għoti ta' xi art bi kwalunkwe titolu jkun li jkun, magħduda, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel:*
*(a) kull kirja jew encroachment jew jedd ieħor ta' użu kif ukoll l-għoti ta' kull jedd reali jew personali f'xi art jew fuqha;*
*(b) it-tiġdid ta' kull jedd reali jew personali f'xi art jew fuqha, sew jekk taċitu jew espress b'pattijiet u b'kundizzjonijiet ġodda (b'dan illi żieda fil-kera, fiċ-ċens jew fil-kumpens għall-użu m'għandhiex titqies bħala kundizzjoni ġdida), iżda inkluż kull tiġdid ta' kull jedd reali jew personali f'xi art jew fuqha, oriġinarjament magħmul b'mod konformi ma' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra, ukoll meta dan isir bl-istess pattijiet u kundizzjonijiet;Kap. 363*
*.(ċ) kull bidla ta' kull kundizzjoni inkluża fit-trasferiment ta' xi art li ma tkunx art trasferita mill-Awtorità tad-Djar jew mill-Gvern għal finijiet ta' abitazzjoni, sakemm l-art tibqa' suġġetta għall-kundizzjoni li tintuża għal finijiet ta' abitazzjoni, jew art li tiġi trasferita minn kunsill lokali mwaqqaf taħt l-Att dwar Gvern Lokali jew xi entità oħra, hekk kif stabbilita mill-Ministru b'regolament* (Artiklu 2 tal-Kapitlu 573).

*trattament diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti, liema aġir diskriminatorju jmur kontra l-liġi u d-direttivi tal-Unjoni Ewropea.*

15. *Illi l-Awtorita konvenuta imponiet hlas jew kera irrizorja ta mitejn euro (200 Euro) fis-sena ghal kull sit – meta dawn huma zoni estensivi u ser jintuzaw ghal-entita privata Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) li ha xxekkel u tirrestringi t-tgawdija hielsa ta' art pubblika ghal dawk il-membri tal-pubbliku li mhumiex membri tal-istess FKNK u ma jhallsux il-mizata taghha. Illi korispettiv daqshekk mizeru tfisser telf kbir ghal-fondi pubblici li jistghu jintefqu ghal-ghanijiet ambjentali u socjali li mhumiex ser jigu milhuqa b'dan il-ftehim.*

16. *Illi z-zoni tal-Aħrax, il-Mizieb u l-Qammiegħ li huma inkluzi fil-ftehim surreferit huma Zoni Kostali kif murijin fil-Pjan Strateġiku Għal Ambjent u l-Izvilupp (SPED). Dan il-Pjan Strateġiku jipprovdi l-qafas u direzzjoni mandatorja rigward l-uzu u ġestjoni tal-art u l-ibhra fit-territorju Malti. Dawk iz-Zoni Kostali deskritti fl-iSPED huma soggetti ghal "Protocol on Integrated Coastal Zone Management to the Barcelona Convention" li ġie ratifikat minn Malta u mill-Unjoni Ewropea[3]. Illi dan jeħtieġ li l-Pajjizi membri tal-Unjoni Ewropea jaderixxu mal-Protokol fuq il-Harsien taz-Zoni Kostali. Illi kif ser jintwera matul is-smigħ ta' din il-kawza, l-Awtorita konvenuta naqset mill tirispetta l-għanijiet u oggettivi tal-istess Protokol.*

17. *Illi partijiet mill-Aħrax u l-Mizieb huma Zoni Specjali ta' Konservazzjoni (Special Areas of Conservation SAC u Special Protected Areas SPA) u għaldaqstant jaqgħu taħt ir-regim ambjentali għas-siti magħrufin bħala Natura 2000 skond id-direttivi tal-Unjoni Ewropea senjatament il-Habitats Directive[4] u l-Birds Directive[5].*

18. *Illi f'siti li huma ekoloġikament sensittivi bħal ma huma dawn in kwistjoni iridu jigu segwiti il-Pjani ta' Gestjoni applikabbli (Natura 2000 Management Plans) kif ukoll li jsiru ċertu studji mandatorji u konsultazzjoni pubblika qabel ma jigu varati pjani jew proġetti f'zona speċjali ta' konservazzjoni. Illi l-Awtorita konvenuta skartat għal kollox dawn ir-rekwiziti mandatorji u lanqas biss tat ġustifikazzjoni għal din id-divergenza mid-dettami tal-ligi. Illi kif ser jiġi pruvat waqt is-smigħ ta din il-kawza d-deċizjoni tal-Awtorita konvenuta tmur kontra l-Oġġettivi u l-għanijiet tal Pjanti ta' ġestjoni (Natura 2000 Management Plans)*

19. *Illi l-Awtorita konvenuta ippremjat lil FKNK bi ftehim daqshekk ġeneruz waqt li injorat il-ħafna strutturi illegali u prattiċi ohra illegali li twettqu fiz-zoni tal-Ahrax u l-Mizieb matul is-snin li għaddew – liema illegalitajiet gew rapportati b'mod formali mir-rikorrenti u li kienu facilment accertabbli mill-Awtorita konvenuta. B'dan il-mod l-Awtorita konvenuta ippremjat u ppromwoveti lil min iwettaq l-illegalitajiet waqt li cahdet id-drittijiet ta' dawk li jobdu l-ligi, bir-rizultat li gew mxejnin il-prinċipji kollha tal-governanza tajba f'pajjiz fejn suppost tirrenja s-saltna tad-dritt.*

20. *Illi l-ftehim li sar bejn l-Awtorita konvenuta u l-FKNK ikopri la zoni konsiderevoli ta' art u bahar u bidla estensiva fid-destinazzjoni u l-uzu ta art, u effettivament ifisser li hemm tibdil fid-destinazzjoni u uzu tas-siti b'impatt fuq l-ekologija, l-ambjent u biodiversita u l- istrategija u ippjanar ghal dawn iz-zoni. Illi ezercizzju ta' dan it-tip u*

[3] Council Decision 2010/631/EU
[4] Habitats Directive 92/43/EEC.
[5] Directive 2009/147/EC

*dan il-kobor ghandu jsir skond il-ligi Ewropea, senjament id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Gunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' certi pjanijiet u programmi fuq l-ambjent maghrufa bhala s-SEA Directive[6], li fost affarijiet ohra jimponi li ssir Stima Ambjentali Strategika li jinkludi t-thejjija ta' rapport xjentifiku u dettaljat dwar l-impatti rispettivi tas-soluzzjonijiet alternattivi kollha, kif ukoll process ta' konsultazzjoni mal-pubbliku meta jkun mahsub illi jsir tibdil jew modifikazzjoni lil xi pjan, strategija jew programm ta' zvilupp. Dan l-ezercizzju ma sarx.*

21. *Illi l-Awtorita konvenuta kisret id-disposizzjonijiet tal-ligi rigward l-obbligi li ghandhom jinġarru minn sidien ta' beni fid-demanju pubbliku hekk kif elenkati fil-Kodici Civili (Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta'Malta). Skond il-Kodici il-perimetru tal-kosta huwa awtomatikament meqjus bhala beni fid-demanju pubbliku[7] u ghalhekk soggetta ghal-obbligi tas sidien ta ' tali beni.*

*Il-ligi[8] tiddefenixxi il-perimetru tal-kosta bhala, " dik il-parti tal-art li tinsab ħmistax-il metru 'l ġewwa mil-linja tal-kosta, kemm jekk din tkun art ta' mal-plajja, massa ta' art jew irdum, jew tkun taħlita tagħhomu, fejn l-art ta' mal-plajja testendi għal aktar minn ħmistax-il metru, sal-limitu tal-art ta' mal-plajja."*

*Illi fil-ftehim iffirmat minnha l-Awtorita konvenuta teskludi* **biss** *mill-iskop tal-ftehim, "l-art ta' mal-plajja" jew "foreshore"[9] u mhux il-perimetru tal-kosta li huwa mhares skont il-ligi tad-demanju pubbliku. Illi l-art ta mal-plajja testendi għal sa fejn tilħaq l-ogħla mewġa u hija biss* **parti** *mill-perimetru tal-kosta[10]. F'zoni fejn hemm l-irdum bhal ma hu l-Ahrax tal-Mellieha din id-distinzjoni hija important ferm u dan ghax il-mewg ma jestendix ghal-fuq l-irdum.*

*Illi f'dan il-mod l-Awtorita konvenuta iffirmat ftehim fejn il-perimetru tal-kosta mhux protett izda hemm zona ferm izghar li hi soggetta ghal piż imposti fuq beni fid-demanju pubbliku u cioe - "l-utilità li tinkiseb mill-pubbliku ġenerali u li tgawdi minnha kull persuna abbażi ta' tolleranza.*
*L-utilità pubblika tinkludi jeddijiet kollettivi bħalma huma* ***aċċess pubbliku, użu, tgawdija pubblika tal-frottijiet u aċċessorji, faċilitazzjoni għall-ħtiġiet tal-kummerċ, transitu u komunikazzjoni jew rikreazzjoni u kull użu ieħor*** *u bla ħsara għal dawk ir-restrizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti b'regolamenti magħmulin minn żmien għal żmien li jeħtieġu li beni fid-demanju pubbliku jkunu soġġetti għal dak il-piż.[11]"*

---

1. [6] Illi din id-direttiva giet trasposta fil-ligi Maltija permezz ta' l-Avviz Legali 418 tas-sena 2005, kif emendat bl-Avviz Legali 497 tal-2010, u bl-Att XXV tal-2015. Illi din l-istess direttiva tifforma parti mill-ligi Maltija u dana skond il-provizjonijiet tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap 460 tal-Ligijiet ta' Malta).

[7] IR-RABA SKEDA Titolu III FUQ ID-DEMANJU PUBBLIKU Artiklu 4.

[8] Kodici Civili Artiklu 311(2)

[9] Ftehim – Paragrafu 2.2. "The foreshore remains excluded from the scope of this agreement and access to it shall remain open and free of charge at all times."

[10] "*L-art ta' mal-plajja" hija* ***dik il-parti*** *tal- perimetru tal-kosta, inkluż fejn teċċedi ħmistax-il metru, li normalment tkun mgħottija bl-ilma minħabba fl-azzjoni tal-mewġ u li l-użu tagħha hu ristrett b'dan il-fatt. L-art ta' mal-plajja testendi għal sa fejn tilħaq l-ogħla mewġa u, ukoll jekk tinsab lil hinn minn fejn jilħaq il-mewġ, sal-limiti ta' kull xtajta"*

[11] IR-RABA SKEDA Titolu III FUQ ID-DEMANJU PUBBLIKU Artiklu 11.

22. *Illi l-ftehim li ffirmat l-Awtorita konvenuta timponi obbligazzjoni fuq il-Ministru ghal Kacca u Insib sabiex jimpjega persuni biex jahdmu bhala Ufficjali ghal Konservazzjoni (Conservation Officers), liema impjegati ser jahdmu ghal FKNK skond il-Progett taghhom (Klawzola 8.1 u 8.2[12]). Illi l-Ministru tal-Kacca u l-Insib mhuwiex parti u/jew firmatarju ghal ftehim bejn l-Awtorita tal-Artijiet u l-FKNK u ghaldaqstant qed jigi impost obbligu fuq persuna li mhix parti ghal ftehim. Inoltre r-reklutagg dirett mill-Ministru fil-mod deskritt fil-kuntratt huwa illegali u jmur kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Għaldaqstant, ghar-raġunijiet premessi, u għar-raġunijiet kollha li jirrizultaw waqt is-smigħ u trattazzjoni ta' dan l-appell, ir-rikorrenti filwaqt li jagħmlu referenza għall-provi kollha miġjuba minnhom u għall-provi kollha li jirrizultaw waqt is-smigħ u trattazzjoni ta' dan l-appell qiegħdin umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jilqa' t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fl-appell tagħhom fis-sens li jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' tal-Artijiet fejn gie approvat il-ftehim li sar bejn l-Awtorita konvenuta u l- Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) fid-disgħa (9) t'Ottubru 2020 u jirrevoka u jħassar dan il-ftehim u dana taħt kull provvediment li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq li jimponi."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` ta' l-Artijiet**ipprezentata fit-12 ta' Novembru 2020 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

*1. Illi l-Awtorita' esponenti ġiet notifikata bir-rikors fl-ismijiet hawn fuq imsemmija u l-istess esponenti ġiet mgħotija ghoxrin gurnata cans biex tirrispondi;*

*2. Illi f'dan l-isfond, l-Awtorita' esponenti tixtieq tissenjala s-segwenti:*

***ECCEZZJONI PRELIMINARI***

*Jibda biex jigi mill-ewwel rilevat li l-appellanti qed jikkampaw fuq l-**Artikolu 57(1)(a)** tal-**Kap 563** sabiex jiggranfaw ma' dawn il-proceduri u allura jattakkaw decizjoni ta' l-Awtorita' li skont l-appellanti ttiehdet bi ksur tal-**Artikolu 31** tal-**Kap 573**. Dan l-**Artikolu 57(1)(a)** tal-**Kap 563** jghid hekk:*

---

[12] Estratt mill-ftehim

**8. HUMAN RESOURCES**

8.1 The Parties agree that for the purposes of the objectives set in this Agreement and the Project Plan, Conservation Officers who should be granted executive enforcement powers in accordance to the Project Plan shall be recruited by the Minister responsible for hunting and trapping.

8.2 The Parties agree that the personnel mentioned in clause 8.1 of this Agreement shall be seconded with the Guardian.

> **57.** (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:
>
> (*a*) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u
>
> (*b*) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:

*Illi minn dan l-Artikolu jikkonsegwi li dan it-Tribunal inghata is-setgha li jirrevedi decizjonijiet tal-Awtorita' ta' l-Artijiet wara li jigi ntavolat rikors minn 'persuna aggravata' b'dik id-decizjoni. Li jrid ikun determinat, ghalhekk, huwa jekk ir-rikorrenti jistghu jitqiesu bhala 'persuni aggravati'.*

*Incidentalment, din il-kwestjoni qamet lura fis-snin fil-kamp ta' l-ippjanar. Infatti, l-Qorti fil-landmark judgment "**Il-Perit Austin Attard Montaldo vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar**" waslet ghall-konkluzjoni li persuna tista' titqies "aggravata" minn decizjoni una volta dak li jkun ikollu interess dirett fil-materja. Din is-sentenza, pero', sostniet li biex persuna tista' titqies "aggravata", din trid turi li ghandha interess guridiku dirett u personali skont id-duttrina stretta tal-interess guridiku kif nafuh fl-ordinament guridiku generali procedurali. Infatti, kellu jkun intervent legislattiv aktar tard li serva sabiex, fil-kaz ta' l-ippjanar, terza persuna tkun tista' tappella decizjoni, anke jekk ma tipprovax li ghandha nteress guridiku.*

*Mill-banda l-ohra, il-legislazzjoni li tirregola l-Awtorita' ta' l-Artijiet ma ntroducietx dawn l-imsemmija kuncetti pjuttost estraneji ghas-sistema gudizzjarja Maltija. Dan ifisser li bhala punto di partenza, ir-rikorrenti jridu jippruvaw li ghandhom interess guridiku dirett u personali (allura jrid ikun jappartjeni lill-bniedem proprio jew membru tas-socjeta`) kif ukoll attwali. Bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni, l-appellanti ma jistghu jghidu li jippossjedu tali interess bil-mod kif spjegat u ghalhekk dawn il-proceduri ghandhom ifallu ab initio.*

*Infatti, il-legislatur haseb ghall-mekkanizmu ad hoc <u>kif u min, se mai, jista' jittenta azzjoni bhal dik li qed jittentaw l-appellanti,</u> anke jekk mhux quddiem dan it-Tribunal. Fil-fatt, l-**Artikolu 33(2)** tal-**Kap 573** jahseb ghall-mekkanizmu fejn il- 'partijiet li jkunu involuti fit-trasferiment, l-Avukat Ġenerali u xi persuna li tkun membru tal-Kamra tad-Deputati fiż-żmien tat-talba' jistghu jattakkaw trasferiment. Detto cio', hawnhekk ukoll, huwa car li l-appellanti ma jinkwadraw bl-ebda mod fit-termini ta' dan id-dispost.*

***MERTU***

*Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Awtorita' appellata tixtieq tissenjala dan li gej f'dak li jirrigwardja s-sustanza ta' l-aggravji izda qabel xejn jibda biex jigi sottolinjat li t-trasferiment huwa wiehed legittimu, in lineja ma' dak li jippermetti l-**Kap 573**, senjatament l-**Artikolu 31(g)(e)(x)** liema dispost jippermetti, minghajr ebda formalitajiet ohra, li art tal-Gvern tkun tista' tingħata b'kiri… 'jekk tikkonsisti f'art li tiġi mogħtija għal raġunijiet umanitarji, filantropiċi, kulturali jew soċjali'.*

*Huwa ndisputat, li l-Federazzjoni Kaccaturi, Nassaba u Konservazzjonisti ghandha dimensjoni kulturali w socjali f'dan il-pajjiz u inghatat art b'kera bhalma inghataw ghaqdiet non governattivi matul iz-zmien. Forsi b'ko incidenza, wiehed minn dawn l-'arrangamenti' sar appuntu mal-Birdlife Malta (inzertaw wiehed mir-rikorrenti) nhar il-21 ta' Awwissu 2018;*

*Illi ferm il-permess, l-Awtorita' appellata se tghaddi biex tislet l-aggravji individwali u qed twiegeb bil-mod kif gej:*

*1. Illi kwantu ghal dak li jintqal f'paragrafi 1 sa 15, fejn ir-rikorrenti jaghtu x'jifhmu li koncessjoni inghatat b'mod irregolari*[13]*, jigi ribattut li kif intqal supra, l-Awtorita' ta' l-Artijiet tat kirja bis-sahha ta' l-**Artikolu 31(g)(e)(x)** tal-**Kap 573** – punto e basta! Dan setghet taghmlu minghajr ebda formalita' ohra. Molto piu', l-Awtorita' ghamlitha cara min-naha tagha li d-'dritt' trasferit kien wiehed ta' natura personali u xejn aktar u dan billi kienet inkluza l-kundizzjoni segwenti fil-ftehim:*

*"2.1 The grantor hereby grants unto the guardian who accepts, the exclusive management and operation of the site, it being clearly agreed and understood that this grant constitutes a personal right competent solely to the guardian of the site, and is restricted solely and exclusively to the operation of the site."*

*2. Illi kwantu ghal dak li jintqal f' paragrafu 16*[14]*, tali aggravju ma gie sostnut bl-ebda mod;*

*3. Illi kwantu ghal dak li jintqal f'paragrafi 17, 18 u 20*[15]*, hawnhekk ukoll jinghad li tali aggarvju ma gie sostnut bl-ebda mod. Fi kwalunkwe kaz, u dan se jinghad ghal kull buon fini, l-Awtorita' imkien ma tat xi carte blanche biex titwettaq attività jew operat li għandu x'jaqsam mal-ambjent jew li jolqot l-ambjent, jew tkun involuta f'tali attività jew operat minghajr dik il-persuna m'għandhiex fil-pussess tagħha awtorizzazzjoni mill-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi. Fil-fatt, il-klawsola 15 tal-Memorandum of Understanding jistipula car u tond li:*

*"This agreement does not exempt the FKNK from the requirement to obtain all the necessary permits required by law including those required from the ERA for the implementation of the services and tasks referred to in the MOU."*

*4. Illi kwantu ghal dak li jintqal f'paragrafu 19*[16]*, jigi ribattut li jekk xejn, din hi kwistjoni t'infurzar u ma tincidi bl-ebda mod dwar jekk ftehim jistax isir jew le;*

*5. Illi kwantu ghal dak li jintqal f'paragrafu 21*[17]*, jigi ribattut fl-ewwel lok li skont l-**Artikolu 15(2)** tar-**Raba' Skeda** tal-**Kodici Civili**, xejn f'din l-Iskeda ma kien intiz li jaffettwa d-dispożizzjonijiet ta', jew kull ħaġa li tkun saret jew li setgħet saret fejn jikkoncerna trasferiment ta' l-Artijiet tal-Gvern. In ogni kaz, m'huwiex minnu li s-sit in disamina jinsab fil-perimetru tal-kosta u allura ghandu jitqies 'bħala proprjetà fid-demanju pubbliku bis-saħħa ta' din l-Iskeda u mingħajr il-bżonn ta' ebda dikjarazzjoni, reġistrazzjoni jew formalità oħra'. In piu, u dan huwa aktar importanti, kuntrarjament ghal dak li qed jghidu r-rikorrenti, "permess amministrattiv" dejjem jista' jinghata u tali permess jinkludi specifikament konċessjonijiet ghal kuntrarju ta', per ezempju, trasferiment permezz ta' bejgh. Detto cio,*

[13]Jissemmew per ezempju li nkisru l-ligijiet tal-gustizzja naturali u drittijiet ta' terzi, il-ftehim sar bil-maghluq, il-koncessjoni inghatat b'mod arbitrarju, ma kienx hemm sejha ghall-offerti u d-dritt ghall-ewwel rifjut, il-ftehim huwa simulat, ma gewx osservati l-proceduri mandatorji, l-agir huwa wiehed diskriminatorju, il-kera mposta hi irrizorja

[14] Ksur tal-*Protocol on Integrated Coastal Zone Management to the Brcelona Convention*

[15] Jissemmew li nkisru numru ta' ligijiet ambjentali, fosthom id-Direttivi li jirregolaw in-Natura 2000 *sites*

[16] Jissemmew li jezistu hafna strutturi illegali

[17] Jissemma per ezempju li qed jigi mpost obligu fuq il-Ministru ghal Kacca u Insib anke jekk ma jiffurmax parti mill-ftehim

*tajjeb jigi rimarkat li l-Awtorita' kienet ukoll attenta li tinkludi kundizzjoni specifika fil-ftehim li taqra hekk:*

*"2.2 The parties agree that the foreshore surrounding the coastal perimeter of the site, as defined in Article 311(2) of the Civil Code, Chapter 16 of the Laws of Malta, shall remain part of the public domain and therefore the government reserves all rights thereon. The foreshore remains excluded from the scope of this agreement, and access to it shall remain open and free of charge at all times."*

*6. Illi kwantu ghal dak li jintqal f'paragrafu 22, jigi ribattut li dato ma non concesso li dawn l-allegazzjonijiet huma fonadati, il-paragrafu 19.2 tal-kuntratt haseb ghal sitwazzjonijiet bhal dawn bil-mod kif gej:*

*"If any provision of this agreement is found to be illegal, void or unenforceable under the applicable law by any authority, this agreement shall continue in force save that such provision shall be deemed to be severed herefrom with effect*

*Illi in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fl-interita' taghhom."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-Awtorita` intimata;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti pprocedew bir-rikors in kwistjoni stante li jsostnu li ftehim iffirmat bejn l-Awtorita` intimata u l-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) ghandu diversi rregolaritajiet u llegalitajiet. Ghaldaqstant qeghdin jitolbu illi dan it-Tribunal ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` intimata fejn gie approvat il-ftehim *de quo* u wkoll li jhassar l-istess ftehim iffirmat fid-9 ta' Ottubru 2020.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fid-9 ta' Ottubru 2020 l-Awtorita` intimata u l-FKNK dahlu fi ftehim ta' *"management and operation"* tas-siti Tal-Ahrax, fil-limiti tal-Mellieha u tal-Mizieb ghal zmien tliet (3) snin.[18] Fl-istess gurnata, l-FKNK iffirmat *Memorandum of Understanding* intitolat *"Memorandum of Understanding (MoU) for the conservation of the natural environment of l-Arax (l/o Mellieha) and Mizieb"* mal-Ministru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ippjanar

[18] Esebit bhala Dokument 1 a fol. 15 *et seq.*

u mal-Awtorita` ghall-Ambjent u r-Rizorsi stante li s-sit koncess kien jinkludi diversi siti u speci protetti taht l-Att dwar il-Harsien tal-Ambjent.[19]

Illi r-rikorrenti jishqu illi huma saru jafu b'dan il-ftehim jumejn qabel l-iffirmar tieghu, u *cioe`* fis-7 ta' Ottubru 2020, permezz ta' rapporti fil-mezzi tax-xandir Ghaldaqstant, fid-9 ta' Ottubru 2020, u *cioe`* fl-istess gurnata li gie ffirmat il-ftehim, huma, flimkien ma' terzi, ressqu protest gudizzjarju kontra l-Awtorita` intimata, l-Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali l-Onorevoli Ian Borg u s-Segretarju Parlamentari ghall-Artijiet u l-Kostruzzjoni l-Onorevoli Chris Agius. Fl-imsemmi protest, ir-rikorrent interpellaw lill-protestati biex jiddezistu milli jidhlu f'ebda forma ta' ftehim ma' l-FKNK jew kwalunkwe entita` ohra minghajr il-harsien tal-provvedimenti tal-ligi u principji naturali u d-drittijiet ta' terzi. Dan il-protest kien imwiegeb mill-Awtorita` intimata permezz ta' kontro-protest fit-22 ta' Ottubru 2020.[20]

Illi huwa car u nkontestat illi l-ebda wiehed jew wahda mir-rikorrenti ma kien parti mill-ftehim tad-9 ta' Ottubru 2020. Madankollu, id-diversi xhieda li gew prodotti, fil-kapacita` rispettiva taghhom, jghidu li huma ghandhom interess li s-siti in kwistjoni ma jkunux ristretti ghal attivitajiet ta' grupp zghir ta' nies a skapitu tal-pubbliku in generali. Mill-istatuti mressqa bhala prova jirrizulta illi r-rikorrenti huma ghaqdiet, entitajiet u individwi li ghandhom l-ghan, fost ohrajn, li jissalvagwardjaw l-ambjent u l-wirt naturali u kulturali ta' pajjizna.

**Ikkunsidra:**

Illi meta l-legislatur ikkrea dan it-Tribunal permezz tal-Att V tal-2007, kien diga fis-sehh l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Mid-dibattiti Parlamentari li wasslu ghall-promulgazzjoni tal-imsemmi Att jirrizulta illi l-idea originali kienet li tinholoq Qorti Amministrattiva wahda li tkun kompetenti li tisma' kwalunkwe lment, inkluz ta' xejra kostituzzjonali, kontra awtorita' pubblika. Madankollu, tant kien hemm dizgwid fuq din il-linja ta' hsieb, li l-istess idea giet abbandunata biex b'hekk inholoq dan it-Tribunal filwaqt li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili baqghet kompetenti li tisma' kawzi mressqin abbazi tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12.[21] Illi ghalhekk, ghalkemm jista' jkun hemm kazijiet fejn il-kompetenza tat-Tribunal u tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ikunu paralleli, hemm istanti ohra, imsemmija espressament f'artikolu 469A, fejn il-Prim'Awla biss ghandha gurisdizzjoni dwarhom.

---

[19] Esebit bhala Dokument 2 a fol. 29 *et seq.*
[20] Dokument MD2 a fol.272 *et seq.*
[21] Ara b'mod partikolari d-Dibattiti tas-Seduti Parliamentari li nzammu fis-26 ta' Novembru 2006, fid-29 ta' Novembru 2006 u fis-17 ta' Jannar 2007

Illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal temani minn artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva), liema artikolu jghid is-segwenti:

*"5.(1) Qiegħed jigi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*

*(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li* ***jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi****."*[22]

Illi proprju wahda mill-ligijiet specjali li taghti kompetenza lil dan it-Tribunal huwa l-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar l-Awtorita` ta' l-Artijiet) u li abbazi taghha r-rikorrenti intavolaw ir-rikors odjern.

Illi permezz tal-eccezzjoni preliminari taghha, l-Awtorita` intimata tishaq, pero`, illi l-ebda wiehed jew wahda mir-rikorrenti ma seta' jippromwovi l-azzjoni odjerna quddiem dan it-Tribunal, u dana ghaliex l-istess rikorrenti ma jistghux jitqiesu la bhala "persuni aggravati" u lanqas li ghandhom interess guridiku necessarju ghal tali azzjoni. Fl-istess eccezzjoni jigi rilevat illi a differenza ta' kwistjonijiet ta' Ippjanar, l-Att dwar l-Awtorita` ta' l-Artijiet jaghti ***locus standi*** biss lil **partijiet aggravati b'xi decizjoni tal-Awtorita`** u kwindi l-persuna aggravata trid tkun is-suggett li lilha hija diretta d-decizjoni tal-Awtorita`.

Illi dan it-Tribunal iqis illi f'din l-eccezzjoni hemm proprjament zewg eccezzjonijiet li ghalkemm jistghu ikunu relatati ma' xulxin, u cioe`, jekk ir-rikorrenti ghandhomx *locus standi* quddiem dan it-Tribunal skont artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta, u jekk it-twegiba tkun fl-affermattiv, jekk ir-rikorrenti ghandhomx dak l-interess guridiku necessarju biex jezercitaw l-azzjoni odjerna. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal ikun ghaqli li dawn iz-zewg kwisjtonijiet jinzammu separati u distinti minn xulxin.

---

[22] Enfasi tat-Tribunal

Illi l-ewwel kwistjoni li se tigi ezaminata minn dan it-Tribunal hija jekk ir-rikorrenti ghandhomx *locus standi* quddiemu.

Illi l-Awtorita` intimata tishaq li m'ghandhomx. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, din is-sottomissjoni ssib konfort fil-*proviso* ta' artikolu 57 (1) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

*"(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:*

*(a) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u*
*(b) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:*

***Iżda wkoll, sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi, oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandha tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata <u>minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità."</u>***[23]

Illi minn dan il-*proviso* johrog car illi l-intenzjoni tal-Legislatur kienet illi dawk il-persuni li **<u>jigu notifikati b'decizjoni tal-Awtorita`</u>** fil-konfront taghhom li ghandhom dritt jirrikorru ghal rimedju quddiem dan it-Tribunal. Tant hu hekk li t-terminu tal-appell jibda ghaddej minn **<u>meta l-persuna tircievi d-decizjoni aggravanti.</u>** Li kieku kienet l-intenzjoni tal-Legislatur illi jaghti dritt ta' appell iktar wiesgha u kif qeghdin jiprospettawh ir-rikorrenti, allura t-termini *entro* liema jista' jsir appell kienu jkunu definiti mod iehor. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti saru jaf bid-decizjoni mhux ghax ircevewha wara li ttiehdet, imma ghaliex semghu mill-mezzi tax-xandir. Huwa veru li mal-kontro-protest jinghad li gie anness il-ftehim tad-9 ta' Ottubru 2020, pero`, dan bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma' jista' jinghad li jekwivali ghal dak li jrid l-artikolu su citat. Tali notifika ma saritx ghaliex l-Awtorita` intimata riedet tinnotifika d-decizjoni taghha lill-parti li kienet ghamlitilha xi talba. Il-ftehim gie anness mal-kontro-protest sabiex dak relatat fl-istess kontro-protest jitpogga f'kuntest. Iktar minn hekk, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li d-decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tigi annullata. It-Tribunal josserva illi din id-decizjoni ma tirrizultalu minn imkien, wisq inqas meta l-istess decizjoni setghet ittiehdet. Li hu zgur huwa li ma ngabet l-ebda prova illi tali decizjoni giet notifikata b'xi mod lir-rikorrenti.

---
[23] Enfasi tat-Tribunal

Illi l-fehma ta’ dan it-Tribunal hija wkoll imsahha min-nota mnizzla fil-margini tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta’ Malta li taqra “Dritt ta’ appell”. Illi dak li essenzjalment huwa kompetenti li jisma` dan it-Tribunal huma “appelli” minn xi att amministrattiv u mhux li jaghmel revizjoni ta’ atti skont l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema artikolu baqa’ *in vigore nonostante* l-promulgazzjoni tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dana ghaliex il-legislatur hass li t-Tribunal m’ghandux ikollu l-kompetenza wiesgha ta’ revizjoni ta’ atti amministrattivi li ghandhom il-Qrati ordinarji u ghalhekk, taht kull ligi specjali li taghti kompetenza lil dan it-Tribunal, wiehed isib elenkati l-istanzi u l-metodu kif wiehed jista’ jappella quddiem dan it-Tribunal. Li hu zgur huwa li mhux ammissibbli appell quddiem dan it-Tribunal minn terzi li ma jkunx il-persuna suggett tad-decizjoni appellata.

Illi dan it-Tribunal jirrileva illi abbazi ta’ dan ir-ragunament, fil-passat ricenti kellu okkazjonijiet fejn cahad rikorsi minn terzi sabiex jintervjenu f’appelli intavolati quddiemu minn persuni aggravati b’decizjonijiet ta’ awtoritajiet pubblici.[24] Terzi li jkunu tal-fehma li decizjoni mehuda fil-konfront ta’ xi persuna ohra tkun ippregudikatilhom id-drittijiet taghhom, ghandhom rimedji ohra quddiem il-Qrati ordinarji izda mhux quddiem dan it-Tribunal.

Illi ghalhekk, ir-rimedju moghti permezz tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta’ Malta ma huwiex disponibbli ghal kwalunkwe persuna li thossha “aggravata” b’xi att tal-Awtorita` intimata. Persuna li ma tkunx direttament is-suggett tad-decizjoni jew att amministrattiv jista’ jkollu rimedju iehor, pero` mhux quddiem dan it-Tribunal li l-kompetenza tieghu hija wahda ferm limitata u cirkoskritta bit-termini tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-artikolu 57 (1) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi *di piu`*, fil-premessa numru hdax (11) ir-rikorrenti jishqu illi l-ftehim sar bi **ksur tal-artikolu 31 tal-Kapitolu 573** ghaliex ma sarx wara sejha ghall-offerti ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-gazzetti lokali, jew wara avviz ta’ trasferiment b’irkant, jew skont rizoluzzjoni specjali tal-Kamra tad-Deputati jew skont wahda mill-forom kif stipulati fl-istess artikolu. Ir-rikorrenti jghidu wkoll illi t-trasferiment ma kienx soggett ghad-dritt tal-ewwel rifjut kif trid il-ligi.

Illi permezz tal-eccezzjoni preliminari l-Awtorita` intimata tishaq illi la darba r-rikorrenti qeghdin tallega li tali ftehim imur kontra l-artikolu 31 tal-Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta’ Malta, allura certament, ghal darb’ohra, dan it-Tribunal mhux il-*forum* kompetenti.

[24] Ara digriet moghti minn dan it-Tribunal datat 29 ta’ Ottubru 2018 fir-rikors Numru 71/18 fl-ismijiet S. Camilleri Caterers Limited vs l-Awtorita` ta’ L-Artijiet

Illi artikolu 31 tal-Kapitolu 573 jelenka d-diversi metodi ta' trasferiment ta' art pubblika. Illi mbaghad artikolu 33 jelenka kif tali trasferimenti jistghu jigu attakkati jekk ma jsirux skont l-artikolu 31, u *cioe`:*

***"(1) Kull trasferiment ta' art li għaliha japplika l-artikolu 31 li jsir xort'oħra milli skont id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu jkun null u bla effett.***

***(2) In-nullità ta' trasferiment magħmul bi ksur tal-imsemmi artikolu tista' tintalab mill-partijiet li jkunu involuti fit-trasferiment, mill-Avukat Ġenerali jew minn xi persuna li tkun membru tal-Kamra tad-Deputati fiż-żmien tat-talba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili."***

Illi ghalhekk johrog car illi huma biss il-qrati ordinarji li huma kompetenti jippronunzjaw rwiehhom dwar kwistjoni ta' nullita` ta' trasferiment, u dan meta l-azzjoni tkun promossa mill-persuni elenkati fl-istess artikolu, *u cioe`*, **il-partijiet involuti fit-trasferiment, l-Avukat Generali jew xi membru tal-Kamra tad-Deputati.** Illi l-ebda wiehed jew wahda mir-rikorrenti ma jirrizulta li huma xi wiehed jew wahda minn dawn il-persuni.

Illi sorvolata l-kwistjoni tal-*locus standi* tar-rikorrenti, it-Tribunal se jghaddi biex jezamina jekk ir-rikorrenti ghandhomx dak l-"interess guridiku" necessarju biex jippromwovu l-azzjoni odjerna. Illi dwar dan il-punt id-difensuri tal-partijiet ghamlu diversi sottomissjonijiet u ccitaw gurisprudenza kemm lokali u kemm barranija. Filwaqt li l-Awtorita` intimata qieghda tankra l-interpretazzjoni taghha mad-definizzjoni tradizzjonali ta' x'jikkostitwixxi "interess guridiku", ir-rikorrenti jishqu illi l-istess kuncett irid jigi interpretat b'mod iktar wiesgha u liberali, u dan anke in vista ta' artikolu 10 (1) tad-Direttiva 2003/35 tal-Unjoni Ewropeja li tghid is-segwenti:

*"Member States shall ensure that, in accordance with the relevant national legal system, members of the public concerned:*

*(a) having a sufficient interest, or alternatively,*
*(b) maintaining the impairment of a right, where administrative procedural law of a Member State requires this as a precondition,*

*have access to a review procedure before a court of law or another independent and impartial body established by law to challenge the substantive or procedural legality of decisions, acts or omissions subject to the public participation provisions of this Directive.*

*Member States shall determine at what stage the decisions, acts or omissions may be challenged.*

*What constitutes a sufficient interest and impairment of a right shall be determined by the Member States, consistently with the objective of giving the public concerned wide access to justice. To this end, the interest of any nongovernmental organisation meeting the requirements referred to in Article 1(2), shall be deemed sufficient for the purpose of subparagraph (a) of this Article. Such organisations shall also be deemed to have rights capable of being impaired for the purpose of subparagraph (b) of this Article.*

*The provisions of this Article shall not exclude the possibility of a preliminary review procedure before an administrative authority and shall not affect the requirement of exhaustion of administrative review procedures prior to recourse to judicial review procedures, where such a requirement exists under national law.*

*Any such procedure shall be fair, equitable, timely and not prohibitively expensive.*

*In order to further the effectiveness of the provisions of this article, Member States shall ensure that practical information is made available to the public on access to administrative and judicial review procedures.”*[25]

Jirrizulta illi l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva gew studjati fil-fond fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet ***Is-Socjeta` The Ramblers’ Association of Malta vs l-Awtorita` ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et***.[26] F’din is-sentenza il-Qorti rrevokat is-sentenza tal-Prim’Awla li kienet laqghat l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ nteress guridiku tal-Assocjazzjoni attrici. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell, wara li tat effett dirett lill-istess Direttiva,[27] qieset ukoll is-segwenti:

*“32. Fil-fehma tal-qorti d-dritt mogħti taħt id-Direttiva huwa biżżejjed preċiż: dak li jagħti lil persuni interessati aċċess għal rimedju ġudizzjarju “għalbiex jisfida l-legalità sostanzjali jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet” tal-awtoritajiet li jkollhom impatt ambjentali, fosthom għalhekk omissjoni bħal dik li l-atturi jgħidu li hija responsabbli għaliha l-Awtorità konvenuta meta ma ratx li ma jsirx żvilupp mingħajr permess li jiswa.*

*33. Għalkemm jista’ jingħad illi l-ħtieġa illi “dak li jikkostiwixxi interess suffiċjenti u l-indebboliment ta’ dritt għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati*

---

[25] It-Tribunal qieghed jiccita l-verzjoni Ingliza ghaliex fil-verzjoni Maltija hemm kliem li fil-fehma umli tat-Tribunal ma tantx jaghmlu sens meta dawn gew tradotti mill-Ingliz

[26] 27 ta’ Mejju 2016

[27] Dana peress li artikolu 10 (a) tad-Direttiva 2003/35 ma kienx ghadu gie mplimentat fil-ligi Maltija.

*Membri" tista' titqies bħala kondizzjoni li, fiż-żmien relevanti kienet għadha ma tħarsitx, madankollu, persuni bħal ma hija s-soċjetà attriċi ma jintlaqtux b'dik il-kondizzjoni għax id-Direttiva stess tgħid illi: »l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-ħtiġiet riferiti fl-Artikolu 1(2) għandu jitqies biżżejjed għall-għan tas-subparagrafu (a) ta' dan l-Artikolu. Dawn l-organizazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet kapaċi li jiġu indebboliti għall-għan tas-subparagrafu (b) ta' dan l-Artikolu.«*

*34. Dan juri ċar illi l-attriċi għandha "drittijiet kapaċi li jiġu indebboliti" – jew, bil-Malti tajjeb, drittijiet li jistgħu jintlaqtu ħażin – f'materja ambjentali u għandha wkoll l-interess meħtieġ biex ikollha aċċess għal stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil jew l-omissjoni tal-Awtorità konvenuta.*

*35. Il-konklużjoni mela għandha tkun i. illi t-tifsira tad-Direttiva hija ċara biżżejjed li ma teħtieġx interpretazzjoni, u għaldaqstant ma hija meħtiega ebda decizjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja, u ii. illi l-attriċi għandha interess ġuridiku illi jagħtiha leġittimazzjoni attiva biex tmexxi b'din l-azzjoni tallum. L-ewwel aggravju għandu għalhekk jintlaqa', u ttieni eċċezzjoni tal-konvenuti Said u Scerri tiġi miċħuda."*

Illi ghalhekk jirrizulta li l-Qorti ta' l-Appell qieset illi abbazi tad-Direttiva 2003/35, illum implimentata permezz ta' artikolu 41A tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp), l-Assocjazzjoni attrici kellha dak l-interess guridiku li jippermettilha tintavola dik l-azzjoni, liema azzjoni kienet essenzjalment dwar kwistjoni ta' interpetazzjoni ta' permess tal-Ippjanar.

Illi pero` jigi rilevat illi l-implimentazzjoni tad-Direttiva msemmija permezz ta' artikolu 41A tal-Kapitolu 504 tghid is-segwenti:-

*"1) Membri tal-pubbliku kkonċernat li għandhom interess suffiċjenti jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem it-Tribunal[28] biex jopponu l-legalità sostantiva jew proċedurali ta' kull deċiżjoni, att jew ommissjoni li għandhom x'jaqsmu ma' żvilupp jew stallazzjoni li hi soġġetta għal studju dwar l-impatt ambjentali('EIA') jew permess dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis ('IPPC').*

*(2) Appell bħal dan jista' jiġi ppreżentat fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni finali tal-Awtorità:*

[28] B'referenza ghat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

*Iżda appell bħal dan jista' jkollu x'jaqsam ma' jew ikun fiho ġġezzjoni għal xi att jew ommissjoni li jkunu twettqu f'xi żmien waqt il-proċess tal-EIA jew tal-IPPC li wassal għad-deċiżjoni in kwistjoni.*

*(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), l-interess ta' xi organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent u li tkun reġistratata taħt l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji għandu jitqies bħala suffiċjenti.*

*(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 41 għandhom, mutatis mutandis, jgħoddu glall-proċeduri ta' reviżjoni skont dan l-artikolu."*

Illi f'dan l-istadju, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi m'ghandux jesprimi ruhu dwar jekk ir-rikorrenti ghandhomx jew le l-interess guridiku necessarju sabiex jattakkaw il-ftehim tad-9 ta' Ottubru 2020 u d-decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi, ladarba se jiddeciedi li huma ma ghandhomx *locus standi* quddiemu. It-Tribunal huwa tal-fehma li jkun ghaqli li jhalli impregudikata din il-kwistjoni, sabiex jekk ikun il-kaz, l-istess tigi dibattuta quddiem il-*forum* appozitu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti u in kwantu konsistenti ma' dak li ntqal hawn, qieghed jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` intimata fis-sens illi jiddikjara illi r-rikorrenti ma jikkwalifikawx bhala "persuna aggravata" ai termini tal-artiklu 57 (1) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldqstant ma setghux jintavolaw l-azzjoni odjerna quddiemu.

It-Tribunal qieghed jastjeni milli jippronunzja ruhu dwar l-eccezzjoni dwar l-interess guridiku tar-rikorrenti u dana sabiex ma jippregudikax il-posizzjoni tal-partijiet quddiem *fora* ohra.

Ghaldqstant it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**